Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 08/7/194/14

**<u>Minuti tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 8</u>**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar il-Ħamis 22 ta' Ottubru 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Nicholas Seychell u l-Kunsillier Tyrone Muscat

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

Il-Viċi Sindku Steven Axisa, l-Kunsillier Roderick Spiteri, u l-Kunsillier Ivan Bartolo kienu skużati.

**1. <u>Approvazzjoni ta' Offerti</u>**

1.1. Il-Kunsillier Tyrone Muscat xtaq jerġa jagħmel mistoqsija dwar suġġett ieħor u mhux dak fl-aġenda. Is-Sindku Dominic Grima informa lil Kunsillier Muscat illi kif qallu fl-aħħar laqgħa fil-liġi hemm miktub ċar li billi din kienet laqgħa b'urġenza ma jistax jiddiskuti affarijiet oħra għajr dak imniżżel fl-aġenda. Il-Kunsillier Muscat baqa' jsostni li lest jikser il-liġi u xorta ried jiddiskuti punt ieħor li ma kienx inkluż f'din l-aġenda. Għaldaqstant huwa telaq mil-laqgħa. Fid-dawl li wara li l-Kunsillier Muscat telaq mil-laqgħa ma kienx hemm quorum din il-laqgħa kelli tiġi mwaqqfa u differita għas-26 ta' Ottubru 2015.

| | |
|---|---|
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |